

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

6 ta' Diċembru 2007\*

Fil-Kawża C-456/05,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fit-23 ta' Diċembru 2005,

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**, irrappreżentata minn H. Støvlbæk u S. Grünheid, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**, irrappreżentata minn M. Lumma u U. Forsthoff, bħala aġenti,

konvenuta,

\* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, U. Löhmus, J. Klučka, A. Ó Caoimh u P. Lindh (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,  
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2007,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

- 1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi li hija għandha skond l-Artikolu 43 KE meta rriżervat id-dispożizzjonijiet tranżitorji jew id-“drittijiet miksuba”, li jippermettu lill-psikoterapewti li jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni jew minn approvazzjoni mogħtija

indipendentement mir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni li huma fis-seħħ, għall-dawk il-  
psikoterapewti biss li jkunu wettqu l-attività tagħhom f'kuntest ta' fondi Ġermaniżi  
ta' assigurazzjoni tal-mard, u meta ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-attività  
professionali paragonabbli jew simili eżerċitata mill-psikoterapewti fi Stati Membri  
oħrajn.

## Il-kuntest ġuridiku

- 2 Il-liġi dwar il-professjonijiet tal-psikoterapewta psikologu u l-psikoterapewta  
speċjalista tat-tfal u ta' l-adoloxxenti, li temenda l-ħames ktieb tal-kodiċi soċjali  
(iktar 'il quddiem il-“SGB V”) u ta' liġijiet oħra (Gesetz über die Berufe des  
Psychologischen Psychotherapeuten und des Kinder- und Jugendlichenpsychothe-  
rapeuten, zur Änderung des Fünften Buches Sozialgesetzbuch und anderer Gesetze),  
tas-16 ta' Ġunju 1998 (BGBl. 1998 I, p. 1311, iktar 'il quddiem il-“liġi dwar il-  
psikoterapewti”), tirregola l-aċċess għall-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi tal-  
“psikoterapewta psikologu” u l-“psikoterapewta speċjalista tat-tfal u ta' l-adolox-  
xenti” (parti dwar il-professjoni, Artikolu 1, intitolat “[liġi dwar il-psikoterapewti]”)  
kif ukoll l-inklużjoni tal-professjonijiet mediċi l-ġodda fl-iskema ta' l-assigurazzjoni  
obbligatorja tal-mard (parti dwar l-assigurazzjoni tal-mard, Artikolu 2, intitolat  
“Emenda għal [SGB V]”).
- 3 Il-liġi dwar il-psikoterapewti tipprovdi li, mill-1 ta' Jannar 1999, il-psikoterapewti li  
jixtiequ jeżerċitaw taħt l-iskema tar-reġistrazzjoni huma suġġetti għal sistema ta'  
kwoti għal reġjun. Il-psikoterapewta li jistabbilixxi ruħu f'reġjun jista' jeżerċita taħt l-  
iskema tar-reġistrazzjoni biss jekk il-psikoterapewti li jeżerċitaw f'dan ir-reġjun ma  
jaqbżux dak in-numru li jikkorrispondi għall-bżonnijiet tar-reġjun.

- 4 Madankollu, il-liġi dwar il-psikoterapewti fiha dispożizzjonijiet li skondhom, anki jekk in-numru ta' psikoterapewti li reġjun għandu bżonn jinqabżu, dawk li huma diġà stabbiliti f'dan ir-reġjun u li jeżerċitaw taħt l-iskema tar-reġistrazzjoni jistgħu jibqgħu jibbenefikaw mir-reġistrazzjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 95(10) u (11) tas-SGB V (iktar 'il quddiem id-“dispożizzjonijiet tranżitorji”).
- 5 Dan l-Artikolu 95(10), dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija lill-psikoterapewti, huwa fformulat kif ġej:

“Huma awtorizzati li jagħtu trattamenti reġistrati dawk il-psikoterapewti li:

1. sal-31 ta' Diċembru 1998 issodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni skond l-Artikolu 12 tal-liġi dwar il-psikoterapewti, u għall-kwalifika, skond il-punt 3 ta' l-Artikolu 95c(2), u ppreżentaw talba għall-awtorizzazzjoni;
2. qabel il-31 ta' Marzu 1999 ippreżentaw id-dokument ta' approvazzjoni;
3. fil-perijodu bejn il-25 ta' Ġunju 1994 sa l-24 ta' Ġunju 1997 ipparteċipaw fit-trattament psikoterapewtiku ambulatorju tal-persuni assigurati mal-fond ta' l-assigurazzjoni obligatorja tal-mard.

Il-kummissjoni ta' l-awtorizzazzjoni għandha tiddeċiedi fuq it-talbiet qabel it-30 ta' April 1999.”

- 6 Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu 95(11), dwar permessi mogħtija lill-psikoterapewti jipprovdu li:

“Jistgħu jagħtu trattamenti reġistrati, dawk il-psikoterapewti li:

1. sal-31 ta' Diċembru 1998 issodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni skond l-Artikolu 12 tal-liġi dwar il-psikoterapewti, [...] u ppreżentaw talba għall-awtorizzazzjoni;
2. qabel il-31 ta' Marzu 1999 ippreżentaw id-dokument ta' approvazzjoni;
3. fil-perijodu bejn il-25 ta' Ġunju 1994 sa l-24 ta' Ġunju 1997 ipparteċipaw fit-trattament psikoterapewtiku ambulatorju tal-persuni assicurati mal-fond ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard.

Il-kummissjoni ta' l-awtorizzazzjoni għandha tiddeċiedi fuq it-talbiet għall-awtorizzazzjoni qabel it-30 ta' April 1999.”

- 7 Il-kelma “ipparteċipaw”, fil-perijodu bejn il-25 ta' Ġunju 1994 sa l-24 ta' Ġunju 1997 (iktar 'il quddiem il-“perijodu ta' referenza”), fit-trattament psikoterapewtiku ambulatorju tal-persuni assicurati mal-fond ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard, previst fil-punt 3 u 11 ta' l-Artikolu 95(10) tas-SGB V, ġie interpretat mill-Bundessozialgericht f'sentenza tat-8 ta' Novembru 2000 (B 6 KA 52/00 R, iktar 'il quddiem is-“sentenza tat-8 ta' Novembru 2000”). Psikoterapewta huwa kkunsidrat li

jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'dawn il-paragrafi billi matul il-perijodu ta' referenza wettaq ammont ta' 250 siegħa sħaħ ta' trattament matul perijodu ininterrott ta' sitt sa tnax-il xahar. Barra minn dan, il-post fejn twettaq dan l-ammont ta' sigħat għandu jkun l-istess għal dak indikat fit-talba ppreżentata għall-awtorizzazzjoni sabiex jeżerċita.

## **Il-proċedura prekontenzjuża**

- 8 Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skond l-Artikolu 226 KE billi, fit-30 ta' Ottubru 2000, baġtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fejn hija sostniet li d-dispożizzjonijiet tranżitorji jiksru l-Artikolu 43 KE. Skond il-Kummissjoni, dan l-Istat Membru naqas mill-obbligi tiegħu skond dan l-Artikolu meta kkunsidra biss bħala attività preċedenti li teħtieġ protezzjoni, l-attività professjonali mwettqa fil-kuntest ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard Ġermaniża, u eskluda kull attività professjonali paragonabbli jew simili mwettqa fi Stat Membru ieħor.
- 9 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fi tweġiba għal din l-intimazzjoni b'ittra tat-12 ta' Jannar 2001.
- 10 Billi ma kinitx sodisfatta b'din ir-risposta, il-Kummissjoni, fil-21 ta' Diċembru 2001, baġtet opinjoni motivata li biha stiednet lil dan l-Istat Membru jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonforma magħha fi żmien xahrejn minn meta jirċeviha.
- 11 B'ittra ta' l-20 ta' Marzu 2002, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja wieġbet għal din l-opinjoni motivata fejn tenniet li ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

12 Billi ma kinitx sodisfatta b'din ir-risposta, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

### **Fuq ir-rikors**

#### *Fuq l-ammissibbiltà*

13 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq erba' motivi, jiġifieri:

— in-nuqqas ta' ksur attwali tat-Trattat KE;

— in-natura marġinali tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkontestat;

— in-nuqqas ta' interess sabiex taġixxi, u

— l-estensjoni ta' l-għan tal-kawża.

#### Fuq in-nuqqas ta' ksur attwali tat-Trattat

14 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li r-rikors mhuwiex dirett kontra ksur attwali tar-regoli tat-Trattat, iżda li jirrigwarda biss fatti li seħħew fl-imgħoddi, bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998. Hija tenfasizza li minn kważi seba' snin

'il hawn ma baqax possibbli li tittieħed deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jew ta' permess abbażi tad-dispożizzjonijiet tranżitorji. Għaldaqstant, mhemm l-ebda nuqqas li jista' jkun is-suġġett ta' rikors skond l-Artikolu 226 KE.

- 15 Għandu jiġi mfakkar li skond ġurisprudenza kostanti, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skond is-sitwazzjoni ta' l-Istat Membru, hekk kif kienet fit-tmiem tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (ara b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-525/03, Ġabra p. I-9405, punt 14).
- 16 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk, f'din id-data, il-leġiżlazzjoni kkontestata baqgħetx tkompli tipproduċi l-effetti legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-20/01 u C-28/01, Ġabra p. I-3609, punti 34 u 37; tad-9 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-125/03, li mhux ippubblikata fil-Ġabra, punti 12 u 13, kif ukoll Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).
- 17 F'dan ir-rigward, għandu jitqies li r-rikors tal-Kummissjoni jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tranżitorji jew "drittijiet miksuba" billi dawn jagħtu biss lill-psikoterapewti, li jkunu eżerċitaw f'reġjun tal-Ġermanja f'kuntest ta' fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni tal-mard matul il-perijodu ta' referenza, il-possibbiltà li jwettqu l-attività tagħhom taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni obligatorja tal-mard u li jirrifutaw li jagħtu din il-possibbiltà lill-psikoterapewti li wettqu l-attività tagħhom matul l-istess perijodu barra mill-Ġermanja taħt skemi ta' l-assigurazzjoni obligatorji tal-mard ta' Stat Membru ieħor.
- 18 Għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li huwa impossibbli għal dawn ta' l-aħħar li jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet tranżitorji mhuwix limitat fiż-żmien. Għall-kuntrarju dan għandu natura permanenti u li tkompli fiż-żmien, b'mod partikolari wara li jiskadi t-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata.



- 19 Din is-sitwazzjoni hija differenti minn dik fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, jirriżulta mill-punt 16 ta' din is-sentenza, li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirrigwarda biss digriet wieħed, li m'għadux applikabbli wara li skada t-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata, u mhux kontra l-kuntratti li setgħu ġew konklużi abbażi ta' dan. Min-naħa l-oħra, dan ir-rikors jindirizza l-fatt li d-dispożizzjonijiet tranżitorji huma rriservati biss għall-psikoterapewti li wettqu l-attività tagħhom f'reġjun fil-Ġermanja f'kuntast ta' fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni tal-mard u li ma jidhdux in kunsiderazzjoni l-attività professjonali paragonabbli jew simili eżerċitata mill-psikoterapewti fi Stati Membri oħrajn.
- 20 Isegwi minn dan, li d-dispożizzjonijiet tranżitorji in kwistjoni f'din il-kawża, jibqgħu jipproduċu l-effetti legali fid-data rilevanti għall-evalwazzjoni ta' l-ammissibbiltà tar-rikors u li, għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

Fuq in-natura marġinali tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

- 21 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li, fl-ipoteżi fejn jinsab li hemm ksur tar-regoli tat-Trattat, dan f'kull każ ikollu, natura marġinali, u għalhekk ma jkunx jista' jiġġustifika proċedura għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.
- 22 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 226 KE, il-Kummissjoni tista' ġġib il-materja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja meta tikkunsidra li Stat Membru jkun naqas milli jwettaq xi obbligu tiegħu skond dan it-Trattat. Dan l-Artikolu ma fih l-ebda kundizzjoni li tirrigwarda l-livell ta' gravità tan-nuqqas. Hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti, hija l-Kummissjoni li hija responsabbli li tevalwa l-opportunità li tittieħed azzjoni kontra Stat Membru, li tivverifika d-dispożizzjonijiet li dan ikun kiser u li tagħżel il-mument meta hija tibda

l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontrih, u l-kunsiderazzjonijiet li jiddeterminaw din l-għażla ma jistgħux jeffettwaw l-ammissibbiltà ta' l-azzjoni (ara s-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-33/04, Ġabra p. I-10629, punt 66). Isegwi minn dan, li kull ksur tat-Trattat, tkun xi tkun il-gravità ta' dan, tista' tkun is-suġġett ta' rikors skond dan l-Artikolu.

- 23 Konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-allegata natura marġinali tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi miċħuda.

Fuq in-nuqqas ta' interess sabiex taġixxi

- 24 Skond ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni m'għandhiex interess sabiex taġixxi f'din il-kawża. Permezz tar-rikors tagħha, hija fil-fatt tfittex li tieħu ħsieb l-interessi taż-żewġ psikoterapewti Awstrijaċi, li tiddekrivi s-sitwazzjoni tagħhom, li kkontestaw l-awtoritajiet nazzjonali u li bdew il-proċeduri pendenti quddiem il-qrati nazzjonali. Il-Kummissjoni qed issostni l-interessi ta' persuna kontra Stat Membru. Madankollu, dawn ta' l-aħħar jiddisponu mill-possibbiltà li jagħmlu użu minn tipi ta' azzjoni li huma disponibbli għalihom quddiem il-qrati nazzjonali.

- 25 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li, fil-kuntest tal-kompetenzi li hija għandha taħt l-Artikolu 226 KE, il-Kummissjoni m'għandhiex bżonn turi l-eżistenza ta' interess li tittieħed azzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha l-inkarigu li tiżgura *ex officio*, u kif ukoll fl-interess ġenerali, l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju mill-Istati Membri u li tara, bil-ħsieb li dawn jintemmu, l-eżistenza ta' nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi possibbli li jista' jkun hemm (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65). Barra minn dan, hekk kif huwa mfakkar fil-punt 22 ta' din is-sentenza, huwa għall-Kummissjoni li tanalizza l-mument opportun biex taġixxi kontra xi Stat Membru.

26 Konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq in-nuqqas ta' interess sabiex taġixxi għandha tiġi miċħuda.

#### Fuq l-estensjoni ta' l-għan tal-kawża

27 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis ukoll li l-Kummissjoni ssostni għall-ewwel darba, biss fl-istadju tar-rikors, li d-dispożizzjonijiet tranżitorji huma suxxettibbli li jikkostitwixxu preġudizzju għal-libertà ta' stabbiliment tal-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja, billi huma jidhru li huma ta' ostakolu għat-trasferiment ta' dawn ta' l-aħħar fi Stati Membri oħrajn matul il-perijodu ta' referenza. L-argument tal-Kummissjoni jikkostitwixxi estensjoni ta' l-għan tal-kawża hekk kif stabbilita fl-istadju tal-proċedura prekontenzjuża u għalhekk hija inammissibbli.

28 Għandu jitqies li, f'ittra ta' l-10 ta' Novembru 1999 indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u li għaliha tirreferi l-ittra ta' intimazzjoni, is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni kienu diġà indikaw lil dan l-Istat Membru d-dubju tagħhom dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tranżitorji mar-regoli tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment, sa fejn dawn ma jipprevedux li l-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti jieħdu in kunsiderazzjoni l-attività mwettqa mill-psikoterapewti fil-kuntest ta' l-assigurazzjoni obbligatorja ta' l-Istati Membri l-oħra. Fl-ittra ta' intimazzjoni hemm ukoll referenza, b'mod ġenerali, għan-nuqqas ta' teħid in kunsiderazzjoni ta' l-attività mwettqa barra mill-kuntest ta' l-assigurazzjoni obbligatorja fil-Ġermanja. Għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment jikkonċerna kemm il-psikoterapewti li ġejjin mill-Istati Membri l-oħra kif ukoll il-psikoterapewti li ġejjin mill-Ġermanja li huma stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra.

29 Konsegwentement, anki jekk l-argumenti tal-Kummissjoni ppreżentati matul il-proċedura prekontenzjuża jirrigwardaw biss ir-restrizzjoni għal-libertà ta' stabbili-

ment tal-psikoterapewti li ġejjin mill-Istati Membri l-oħra, ir-riferiment espliċitu, fl-istadju tar-rikors, għal preġudizzju għal-libertà ta' stabbiliment ta' ċerti psikoterapewti li ġejjin mill-Ġermanja, ma jagħtix lok għal oġġezzjoni ġdida, distinta minn dik inizjalment imressqa, iżda din hija biss żvilupp ta' dan.

- 30 Għaldaqstant, konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-estensjoni ta' l-għan tal-kawża għandha tiġi miċħuda.
- 31 Billi l-motivi kollha ta' inammissibbiltà ġew miċħuda, hemm lok li jiġi eżaminat ir-rikors fuq il-mertu.

### *Fuq il-mertu*

#### Argumenti tal-partijiet

- 32 Il-Kummissjoni ssostni li l-ifformular tad-dispożizzjonijiet tranżitorji juri restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.
- 33 Dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu deroga mis-sistema ta' kwoti, li minnha jistgħu jibbenefikaw il-psikoterapewti li, matul il-perijodu ta' referenza pprovdew trattamenti lill-pazjenti fil-kuntest ta' l-assigurazzjoni obbligatorja Ġermaniża tal-mard. Min-naħa l-oħra, il-psikoterapewti li jkun pprovdew trattamenti fil-kuntest ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard ta' Stat Membru ieħor matul dan il-perijodu ma jistgħux jibbenefikaw minn din id-deroga.

- 34 Għaldaqstant, huma esklużi mill-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tranżitorji l-psikoterapewti kollha li stabbilixxew ruħhom fil-Ġermanja bejn l-1 ta' Jannar 1997 u u qabel it-tmiem tal-perijodu tranżitorju, jiġifieri fil-31 ta' Diċembru 1998, billi mill-1 ta' Jannar 1997, dawn il-psikoterapewti ma setgħux iktar jissodisfaw il-kundizzjoni, fil-kuntest ta' l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja Ġermaniża, ta' 250 siegħa ta' xogħol matul il-perijodu kontinwu ta' għallinqas sitt xhur matul il-perijodu ta' referenza. Il-Kummissjoni tenfasizza li, fil-fatt, mill-1 ta' Jannar 1997, sat-tmiem tal-perijodu ta' referenza, stabbilit għall-24 ta' Ġunju 1997, kien għad fadal perijodu ta' żmien ta' inqas minn sitt xhur.
- 35 Din l-esklużjoni taffettwa prinċipalment il-psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra li għamlu użu mid-dritt tagħhom għal-libertà ta' stabbiliment fil-Ġermanja bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998. Dan jaffettwa wkoll il-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja li għamlu użu mid-dritt tagħhom għal-libertà ta' stabbiliment billi stabbilixxew irwieħhom fi Stat Membru ieħor matul il-perijodu ta' referenza u li marru lura fil-Ġermanja qabel l-1 ta' Jannar 1999.
- 36 Il-Kummissjoni turi din l-esklużjoni billi tirreferi għas-sitwazzjoni taż-żewġ psikoterapewti Awstrijċi li stabbilixxew ruħhom fil-Ġermanja, rispettivament fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Ottubru 1998, f'reġjuni fejn l-iżvolġiment tat-trattamenti in segwitu ġie kkunsidrat bħala wieħed eċċessiv skond il-liġi dwar il-psikoterapewti. Minn dawn id-dati, il-persuni kkonċernati ħadmu għall-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard Ġermaniża iżda ma setgħux jiksbu l-awtorizzazzjoni sabiex jeżerċitaw fir-reġjuni ta' l-għażla tagħhom bħala psikoterapewti reġistrati skond l-Artikolu 95(10) tas-SGB V. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-awtoritajiet Ġermaniżi ma kkunsidrawx l-esperjenza professjonali ta' dawn il-psikoterapewti fil-kuntest ta' l-iskema tar-reġistrazzjoni Awstrijaka matul il-perijodu ta' referenza, liema esperjenza tikkorrispondi għal volum ta' sigħat mitlub mill-ġurisprudenza Ġermaniża.

- 37 Skond il-Kummissjoni, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mis-sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, Vlassopoulou (C-340/89, Ġabra p. I-2357) li l-attività mwettqa minn dawn il-psikoterapewti fl-Istati Membri l-oħra fil-kuntest tas-sigurtà soċjali ta' dawn l-Istati Membri għandha tittieħed in kunsiderazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tranżitorji.
- 38 Iċ-ċirkustanza li d-dispożizzjonijiet suġġetti għal dan ir-rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu jikkostitwixxu miżuri tranżitorji sabiex jiġu protetti drittijiet miksuba ma teżonerax lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mill-obbligu li tirrispetta r-regoli tat-trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment. F'dan il-każ, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għal ċerti psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra ma tpoġġix fil-perikolu l-għanijiet imfittxija minn dawn ta' l-aħħar. Il-fatt li l-benefiċċji minn dawn id-dispożizzjonijiet jiġi limitat biss għal psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja, huwa konsegwentement sproporzjonat.
- 39 Il-Kummissjoni żżid, sussidjarjament, li n-natura diskriminatorja tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward tal-psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra huwa partikolament evidenti fejn il-psikoterapewta stabbilit fil-Ġermanja mhuwiex dejjem mitlub, fil-prattika, li jkun ħadem diġà fir-reġjun fejn huwa jkun jixtieq jistabbilixxi ruħu. Fi kliem ieħor, sakemm huwa jkun ħadem fil-kuntest tas-sigurtà soċjali Ġermaniża matul is-snin rilevanti u li jkun għamel in-numru ta' sigħat mitluba, il-psikoterapewta stabbilit fil-Ġermanja jista' jitlob li jibbenefika mir-reġistrazzjoni, meta huwa jistabbilixxi ruħu f'reġjun ieħor.
- 40 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li d-dispożizzjonijiet tranżitorji mhumiex diskriminatorji. Dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsubin sabiex jipproteġu sitwazzjonijiet stabbiliti kkunsidrati bħala li jixirqilhom protezzjoni, jiġifieri dawk tal-psikoterapewti stabbiliti f'reġjun tal-Ġermanja, fejn huma ħadmu għal ċertu żmien taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard. Il-leġislatur nazzjonali ħa ħsieb li dawn il-persuni ma jiġux sfurzati jiċċaqalqu u jitilfu l-klijentela tagħhom. Min-natura stess tas-sitwazzjonijiet in kwistjoni jirriżulta li dawn jistgħu jiġu stabbiliti biss f'post partikolari fuq it-territorju Ġermaniż.

- 41 Dan l-Istat Membru jenfasizza li, fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2000, il-Bundessozialgericht interpretat id-dispożizzjonijiet tranżitorji fis-sens li japplikaw biss għal persuni li jixtiequ jibqgħu jibbenefikaw mir-reġistrazzjoni fir-reġjun tal-Ġermanja fejn huma diġà stabbiliti u mhux għal persuni li jixtiequ jibdlu reġjun. Konsegwentement, il-Kummissjoni, b'mod żbaljat qed issostni li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ikun x'ikun ir-reġjun li fih il-psikoterapewta Ġermaniż jipprova jstabbilixxi ruħu u b'mod żbaljat qed tiddeduċi minn dan li l-post, u b'mod partikolari l-Istat Membru li fih twestaq ix-xogħol reġistrat, m'għandux ikun determinanti.
- 42 Skond ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, is-sentenza Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, mhijiex rilevanti. Il-kawża li wasslet għal din is-sentenza kienet tirrigwarda n-nuqqas ta' teħid in kunsiderazzjoni ta' l-esperjenza professjonali ta' avukati fl-Istati Membri l-oħra. F'dan il-każ, l-esperjenza professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor tittieħed in kunsiderazzjoni kollha kemm hi sabiex il-psikoterapewta fil-Ġermanja jwettaq l-attività tiegħu u l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, hija għalhekk irrispettata bis-sħiħ. Il-problema li tinħoloq hija dik li jkun magħruf jekk, fil-kuntest tal-liġi dwar il-psikoterapewti, psikoterapewta jibbenefika jew le minn sitwazzjoni stabbilita, li teħtieġ protezzjoni, fi kliem ieħor, jekk wettaq jew le l-attività professjonali tiegħu f'post preċiż matul perijodu stabbilit. Din is-sentenza Vlassopoulou ma tirrigwardawx dan.
- 43 Dan l-Istat Membru jqis, li matul l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet tranżitorji, ma kienx hemm il-bżonn li tittieħed in kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba mill-psikoterapewti fi Stat Membru ieħor, billi attività preċedenti, imwettqa barra mill-Ġermanja, ma kinitx rilevanti għall-iskop tal-protezzjoni tad-drittijiet miksuba. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tranżitorji humiex proporzjonati m'għandhiex tiddependi mit-teħid in kunsiderazzjoni ta' dawn il-psikoterapewti.
- 44 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja żżid li kieku wieħed kellu jestendi l-benefiċċju tad-deroga għall-psikoterapewti li ġejjin mill-Istati Membri l-oħra billi jittieħdu in kunsiderazzjoni s-siġhat ta' xogħol irreġistrat magħmula fl-Istati Membri minn fejn

għejjin, hekk kif issostni l-Kummissjoni, dawn ta' l-aħħar ikunu ffavoriti meta mqabbla mal-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja li ma jistgħux jagħmlu użu mis-siġġat ta' xogħol irreġistrat imwettaq barra mir-reġjun fejn huma awtorizzati jeżerċitaw.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

### — Osservazzjoni preliminari

- <sup>45</sup> Sabiex tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tranżitorji ma' l-Artikolu 43 KE, dawn għandhom jiġu analizzati fid-dawl ta' l-interpretazzjoni li l-Bundessozialgericht tat fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru 2000.
- <sup>46</sup> Iċ-ċirkustanza li dawn id-dispożizzjonijiet setgħu jiġu applikati b'mod żbaljat mill-awtoritajiet Ġermaniżi qabel ma nġhatat din is-sentenza mhijiex rilevanti sabiex tiġi evalwata l-validità ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
- <sup>47</sup> Konsegwentement, hemm lok li tittieħed bħala punt tat-tluq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji mogħtija mill-Bundessozialgericht, li skondha l-post fejn il-psikoterapewta ħadem matul il-perijodu ta' referenza għandu jkun identiku għal dak fejn jixtieq jeżerċita mill-1 ta' Jannar 1999 sabiex jibbenefika mill-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.



## Fuq in-nuqqas allegat

- 48 Fuq in-nuqqas allegat jżommu, fil-prinċipju, l-kompetenza sabiex jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għal aċċess għall-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet. Madankollu, għandhom jeżerċitaw l-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam filwaqt li jirrispettaw il-libertajiet fundamentali u b'mod partikolari, il-libertà ta' stabbiliment iggarantit mill-Artikolu 43 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Corsten, C-58/98, Ġabra p. I-7919, punt 31, u Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, punt 9).
- 49 Skond ġurisprudenza kostanti, dan l-Artikolu jipprekludi kull miżura nazzjonali, li, anki jekk applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, jistgħu jfixklu jew jirrendu inqas attraenti l-eżerċizzju, min-naħa taċ-ċittadini Komunitarji, inklużi dawk ta' l-Istat Membru li huwa l-awtur tal-miżura, tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat. Dan ikun differenti biss jekk miżura bħal din tista' tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bil-kundizzjoni li tkun tista' tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan imfittex u li ma jeċċedux dak li hemm bżonn sabiex jintlaħaq l-istess għan (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus, C-19/92, Ġabra p. I-1663, punt 32; tas-17 ta' Ottubru 2002, Payroll *et*, C-79/01, Ġabra p. I-8923, punti 26 u 28, kif ukoll tal-21 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-140/03, Ġabra p. I-3177, punti 27 u 34).
- 50 Konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet tranżitorji jikkostitwixxu restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment u, skond il-każ, jekk din ir-restrizzjoni tistax tkun iġġustifikata.

— Fuq l-eżistenza tar-restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment

- 51 B'referenza b'mod partikolari għas-sentenza Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tranżitorji li jikkostitwixxu preġudizzju

għal-libertà ta' stabbiliment sa fejn ma jidhux in kunsiderazzjoni l-esperjenza professjonali miksuba, matul il-perijodu ta' referenza, mill-psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra fil-kuntest ta' skema ta' reġistrazzjoni ta' dawn l-Istati.

- 52 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li l-psikoterapewti stabbiliti barra mit-territorju Ġermaniż, li wettqu l-attività professjonali tagħhom f'kuntest ta' fondi oħra ta' assigurazzjoni tal-mard li mhumiex dawk Ġermaniżi u li ttrasferixxew l-prattika tagħhom fil-Ġermanja bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998, ma jistgħux jibbenefikaw mid-deroga prevista mid-dispożizzjonijiet tranżitorji. Barra minn dan, il-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja, li bejn dawn iż-żewġ dati wettqu l-attività professjonali tagħhom f'kuntest ta' fondi ta' assigurazzjoni tal-mard ta' Stat Membru ieħor qabel ma' ġew lura fil-Ġermanja, ukoll jinsabu f'din is-sitwazzjoni. F'każ jew ieħor, l-esperjenza miksuba f'kuntest ta' l-iskema ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru ieħor mhuwiex meħud in kunsiderazzjoni.
- 53 Jekk, bħal fil-każ taż-żewġ psikoterapewti Awstrijaċi li l-Kummissjoni tirreferi għalihom, dawn il-psikoterapewti għażlu li jstabbilixxu ruħhom f'reġjun fil-Ġermanja fejn il-kwota massima li tirriżulta mil-liġi dwar il-psikoterapewti nqabżu, huma ma jistgħux jibqgħu jwettqu l-attività professjonali tagħhom taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard. Mingħajr il-benefiċċju ta' din l-iskema, huma jistgħu joqgħodu biss fuq il-klijentela privata u joffru trattament li mhuwiex a spejjeż ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard, li jaf ifixkel b'mod sinjifikattiv l-attività professjonali tagħhom, jew anki, iġiegħelhom iwaqqfu din ta' l-aħħar.
- 54 Id-dispożizzjonijiet tranżitorji ċertament japplikaw għall-psikoterapewti kollha, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, b'mod illi anki l-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja huma effettwati minn dawn id-dispożizzjonijiet bħall-psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra jekk huma bidlu reġjun u stabbilixxew ruħhom, bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998, f'reġjun tal-Ġermanja li fih inqabżu l-kwoti. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li ż-żewġ rekwiżiti għall-persuni kkonċernati, li jikkonsistu fi, minn naħa, li jkunu wettqu l-

attività tagħhom f'reġjun tal-Ġermanja f'kuntest ta' l-iskema Ġermaniża ta' reġistrazzjoni matul il-perijodu ta' referenza u, min-naħa l-oħra, li jkunu ppreżentaw talba għal awtorizzazzjoni skond dan l-istess reġjun, huma ta' natura li jiffavorixxu lill-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja milli dawk stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra matul dan il-perijodu.

- 55 Għaldaqstant, ir-reqwiżit impost minn dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji, jisfavorixxi persuni li għamlu użu mil-libertà tagħhom ta' stabbiliment u għal kuntrarju, jiffavorixxu dawk li ma ttrasferewx l-attività tagħhom jew li ttrasferewha għal ġo reġjun Ġermaniż ieħor. Isegwi, illi dan ir-reqwiżit jipproduċi effetti, l-ewwel nett, b'dannu għall-psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra u mhux fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li, minkejja esperjenza f'kuntest ta' l-iskema ta' reġistrazzjoni ta' l-Istat tagħhom ta' oriġini li huma ekwivalenti f'numru ta' sigħat u fit-tul ma' dak previst fid-dispożizzjonijiet tranżitorji u li stabbilixxew ruħhom fil-Ġermanja bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998 u, it-tieni nett, b'dannu tal-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja li wettqu l-attività tagħhom fi Stat Membru ieħor matul il-perijodu ta' referenza u li reġgħu ttrasferixxew ruħhom fil-Ġermanja bejn dawn iż-żewġ dati.
- 56 Għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet dwar liġi, anki jekk applikabbli mingħajr distinzjoni, li tissuġġetta dritt għall-issodisfar ta' kundizzjoni ta' residenza f'reġjun ta' Stat Membru u li għalhekk tiffavorixxi liċ-ċittadini nazzjonali b'dannu għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, li jmur kontra l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni stabbilit mill-Artikolu 12 KE (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-dritt li tindirizza lill-qorti bil-lingwa materna, is-sentenza ta' l-24 ta' Novembru 1998, Bickel u Franz, C-274/96, Ġabra p. I-7637, punt 26).
- 57 Fid-dawl ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li l-kundizzjoni li titlob li tkun wettaqt l-attività ta' psikoterapewta f'reġjun tal-Ġermanja fil-kuntest ta' l-iskema ta'

reġistrazzjoni Ġermaniża, li titlob li tkun stabbilit f'reġjun tal-Ġermanja, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-psikoterapewti stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

- 58 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari t-tieni kategorija ta' persuni msemmija fil-punt 55 ta' din is-sentenza, jiġifieri l-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja li għamlu użu mil-libertà tagħhom ta' stabbiliment matul il-perijodu ta' referenza billi stabbilixxew ruħhom fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa inkompatibbli mad-dritt tal-moviment liberu li ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea jista' jiġi applikat lill-Istat Membru li huwa ċittadin tiegħu trattament inqas favorevoli minn dak li kien jibbenefika li kieku ma għamilx użu mill-opportunitajiet mogħtija lill-mit-Trattat fil-qasam tal-moviment (sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop, C-224/98, Ġabra p. I-6191, punt 30, u, f'dan is-sens, sentenza tad-29 ta' April 2004, Pusa, C-224/02, Ġabra p. I-5763, punt 20).
- 59 Dan ir-raġunament huwa applikabbli b'analoġija, għall-persuni li għamlu użu mil-libertà tagħhom ta' stabbiliment. Sa fejn id-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom l-effett li jittrattaw inqas favorevolment il-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja li stabbilixxew ruħhom barra minn dan l-Istat Membru matul il-perijodu ta' referenza sabiex wara ġew lura f'dan ta' l-ewwel qabel l-1 ta' Jannar 1999 milli dawk li baqgħu f'dan l-Istat Membru matul l-istess perijodu, għandu jiġi kkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet huma inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment, sa kemm dawn ma jistgħux jiġu ġġustifikati.
- 60 Għalhekk il-Kummissjoni ġustament tikkunsidra, li d-dispożizzjonijiet tranżitorji jikkostitwixxu restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tal-psikoterapewti Komunitarji, inklużi l-psikoterapewti Ġermaniżi.
- 61 Għandu jiġi vverifikat jekk dawn id-dispożizzjonijiet jistgħux għallinqas ikunu ġġustifikati.

## — Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni

- 62 Skond ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-psikoterapewti stabbiliti f'reġjun tal-Ġermanja matul il-perijodu ta' referenza, li kkostitwixxu klijentela ta' pazjenti a spejjeż ta' l-assigurazzjoni obbligatorja tal-mard Ġermaniża, jixirqilhom protezzjoni partikolari. Din il-klijentela tikkostitwixxi dritt miksub. Għalhekk huwa importanti li dawn il-psikoterapewti ma jkunux imġiegħla jagħlqu l-prattika tagħhom mill-1 ta' Jannar 1999 u jitilfu, konsegwentement, il-klijentela tagħhom.
- 63 Għandu jiġi kkunsidrat li l-protezzjoni ta' dritt miksub, jiġifieri ż-żamma ta' klijentela ta' pazjenti wara numru ta' snin ta' attività professjonali, jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali. Fil-fatt, Stat Membru jista' jqis bħala bżonn, f'każ bħal dan, li jipproteġi l-klijentela u, permezz ta' dan, l-attività tal-professionisti kkonċernati bl-adozzjoni tal-miżuri xierqa.
- 64 Id-dispożizzjonijiet tranżitorji, li jintroduċu deroga għal-liġi dwar il-psikoterapewti sabiex jiġu protetti l-persuni li kienu stabbiliti fil-Ġermanja matul il-perijodu ta' referenza u li eżerċitaw f'kuntest ta' l-iskema ta' reġistrazzjoni Ġermaniża, għandhom jiġu kkunsidrati bħala adatti sabiex iżommu d-drittijiet miksuba ta' dawn il-persuni waqt illi jillimitaw in-numru ta' psikoterapewti reġistrati independentement mill-bżonnijiet effettivi.
- 65 Madankollu, huwa importanti li dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorru lil hinn minn dak li hemm bżonn sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37).

- 66 Sabiex jiġi evalwat jekk id-dispożizzjonijiet tranżitorji humiex proporzjonati jew le, għandu jiġi vverifikat jekk kien hemm bżonn, sabiex jintlaħaq dan il-għan, li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu applikati biss għall-psikoterapewti li wettqu l-attività tagħhom f'kuntest ta' fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni tal-mard matul il-perijodu ta' referenza u li ma jiddux in kunsiderazzjoni attività simili mwettqa minn psikoterapewti f'kuntest ta' l-iskema ta' reġistrazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra.
- 67 Fi kliem ieħor, hemm lok li jiġi eżaminat jekk it-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-attività ta' dawn ta' l-aħħar setgħat tippreġudika l-għan tad-dispożizzjonijiet derogatorji.
- 68 L-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li, dan it-teħid in kunsiderazzjoni ma effettwax il-protezzjoni tad-drittijiet miksuba tal-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja matul il-perijodu ta' referenza. Fil-fatt, huwa ta protezzjoni lil psikoterapewti oħra u dan ma kellu l-ebda effett fuq is-sitwazzjoni ta' dawn ta' l-ewwel.
- 69 Għalhekk, tqum il-kwistjoni jekk din il-protezzjoni tfixkel l-għan, li jikkonsisti filli n-numru ta' psikoterapewti reġistrati jiġi limitat indipendentement mill-bżonnijiet.
- 70 Mhuwiex ikkontestat f'dan ir-rigward li, din il-protezzjoni seta' jkollha bħala konsegwenza li żżid in-numru ta' psikoterapewti reġistrati indipendentement mill-bżonnijiet. Madankollu, malli ssir deroga għal-liġi dwar il-psikoterapewti, sabiex jiġu protetti l-psikoterapewti stabbiliti fil-Ġermanja qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kellha tikkunsidra l-kwistjoni jekk kienx hemm il-bżonn li jibbenefikaw minn din id-deroga biss il-persuni li kienu stabbiliti fuq it-territorju tagħha matul il-perijodu ta' referenza waqt illi teskludi lil dawk kollha li kienu stabbiliti f'Stat Membru ieħor matul dan il-perijodu. Fil-fatt, sa fejn dawn ta' l-aħħar eżerċitaw biss id-dritt tagħhom għal libertà fundamentali, huma wkoll

jixirqilhom, bħala prinċipju, li jibbenefikaw mill-protezzjoni ta' l-attività rreġistrata tagħhom fil-Ġermanja. Seta' biss jiġi konkluż f'mod ieħor kieku din il-protezzjoni tneħħi lid-dispożizzjonijiet tranżitorji l-għan tagħhom, jiġifieri li tippermetti lil numru limitat ta' psikoterapewti li jiġu rreġistrati indipendentement mill-bżonnijiet.

71 Hekk kif il-Kummissjoni qieset u kuntrarjament għall-affermazzjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, in-numru ta' psikoterapewti kkonċernati huwa limitat. Fil-fatt, jinkludi l-psikoterapewti li stabbilixxew ruħhom fil-Ġermanja bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998 u, fost dawn, dawk li eżerċitaw f'kuntest ta' fondi oħra ta' assigurazzjoni tal-mard ta' Stat Membru ieħor, attività simili għal dik mitluba skond l-Artikolu 95 tas-SGB V.

72 Għandu jiġi kkonstat ukoll, li d-definizzjoni tal-leġiżlatur Ġermaniż tad-dispożizzjonijiet tranżitorji ma tinkludi l-ebda limitu numeriku massimu. Billi jitlob mill-psikoterapewti li jixtiequ jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet tranżitorji li jkunu wettqu l-attività tagħhom f'kuntest ta' fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni tal-mard matul il-perijodu ta' referenza, jiġifieri perijodu ta' tliet snin, dan il-leġiżlatur ħejja biss qafas li jista' jinkludi numru ftit jew wisq għoli ta' psikoterapewti. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma pprovdi l-ebda element li jindika li t-teħid in kunsiderazzjoni tal-psikoterapewti li wettqu l-attività tagħhom matul l-istess perijodu taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni obligatorja ta' l-Istati Membri l-oħra kien jirrigwarda numru ta' persuni tant għoli li kien ser jippreġudika l-għan tad-dispożizzjonijiet tranżitorji.

73 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat bħala sproporzjonat in-nuqqas ta' teħid in kunsiderazzjoni tal-psikoterapewti kollha li wettqu l-attività tagħhom barra mill-iskema Ġermaniża ta' reġistrazzjoni matul il-perijodu ta' referenza.

- 74 Barra minn dan, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis, li applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għal dawn il-psikoterapewti għandu bħala effett li jiffavorixxi l-psikoterapewti stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra meta mqabbla ma' dawk stabbiliti f'regżjuni oħra tal-Ġermanja.
- 75 Madankollu, dan l-argument mhux wieħed determinanti. L-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet differenti għal residenti ta' Stati Membri oħra li għamtu użu mill-libertà tagħhom ta' stabbiliment tista' tkun bżonnjuża, sabiex jiġu rrispettati r-regoli dwar il-libertà ta' stabbiliment. Għalhekk, għalkemm il-psikoterapewti stabbiliti barra mit-territorju Ġermaniż matul il-perijodu ta' referenza huma f'pożizzjoni ta' vantaġġ meta mqabbla mal-psikoterapewti stabbiliti f'regżjun tal-Ġermanja matul dan il-perijodu u li sussegwentement bidlu regżjun, din iċ-ċirkustanza mhijiex biżżejjed sabiex titbiddel il-konstatazzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji huma sproporzjonati.
- 76 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq illi, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi li hija għandha skond l-Artikolu 43 KE billi rriżervat id-dispożizzjonijiet tranżitorji jew id-“drittijiet miksuba”, li jippermettu lill-psikoterapewti jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni jew minn approvazzjoni mogħtija indipendentement mir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni li huma fis-seħħ, għall-dawk il-psikoterapewti biss li jkunu wettqu l-attività tagħhom fi regżjun fil-Ġermanja f'kuntest ta' fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni tal-mard, u billi ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-attività professjonali paragonabbli jew simili eżerċitata mill-psikoterapewti fi Stati Membri oħrajn.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 77 Skond l-Artikolu 69(2), tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titef għandha tbatli l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbatli l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.



Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 43 KE billi rriżervat id-dispożizzjonijiet tranżitorji jew id-“drittijiet miksuba”, li jippermettu lill-psikoterapewti jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni jew minn approvazzjoni mogħtija indipendentement mir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni li huma fis-seħħ, għall-dawk il-psikoterapewti biss li jkunu wettqu l-attività tagħhom fi reġjun fil-Ġermanja f'kuntest ta' fondi Ġermaniżi ta' assigurazzjoni tal-mard, u billi ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-attività professjonali paragonabbli jew simili eżerċitata mill-psikoterapewti fi Stati Membri oħrajn.**
  
- 2) **Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem